MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1957/2004

**Costantino Muscat**

**Vs**

**Enemalta Corporation**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-Korporazzjoni Enemalta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) rapprezentanti somma li l-istess attur hallas lill-korporazzjoni konvenuta fil-15 t'April, 2004 in anticipazzjoni ta' l-ezami tal-meter tal-kurrent ta' l-elettriku tad-dar tieghu 17, Triq Preziosi, Lija u li in segwitu jirrizulta li l-meter kien shih u jahdem tajjeb.

Ra r-Risposta tal-korporazzjoni konvenuta li biha eccepiet li m'ghandha thallas xejn lill-attur stante li s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) kienet pagabbli ai termini tar-Regolament 8 ta' l-"Electricity Supply Regulations" u dan wara li l-meter ta' l-elettriku rregistrat f'isem l-attur instab li kien imbaghbas u kien hemm ukoll telfien ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-korporazzjoni konvenuta.

Sema' x-xhieda ta' Costantino Muscat, Ian Vella, Hugh Camilleri u ta' Anthony sive Tony Gatt.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur biddel il-bieb tal-garaxx biex ghamlu minn injam ghall-hadid galvanizzat u meta nbidel il-bieb u fethu, laqat il-meter ta' l-elettriku u ghamillu l-hsara w anki b'rizultat t'hekk inqata' s-sigill.

Huwa mar jaghmel rapport il-Power Station u ma gie hadd mill-Korporazzjoni Enemalta biex jarah u rega' mar it-tieni darba u qalulu biex jaghmel rapport id-Distrett ta' Birkirkara kif fil-fatt ghamel izda xorta wahda hadd ma gie.

Xi tlieta jew erba' xhur wara kienu gew rapprezentanti ta' l-Enemalta biex jaghmlu inspection u biex jibdlu l-wire minn barra u l-fuses li hemm ghax kienu antiki u meta gew kien l-istess attur li rega' qal lill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta li fil-fatt kellu l-hsara fl-arlogg ta' l-elettriku billi kien laqtu u fl-istess hin talabhom biex icaqalqu l-meter minfejn kien qieghed biex ma jergax jirripeti ruhu l-incident.  Meta l-haddiema raw il-meter huma sostnew li l-meter kien imbaghbas u ghalhekk inhatar l-Espert Hugh Camilleri li ha l-meter.

Il-korporazzjoni konvenuta sostniet illi fil-fatt il-meter kien imbaghbas u harget rapport li:

- Irrizultaw sigilli mbaghbsa u nieqsa.

- Il-cover ta’ l-arlogg tad-dawl tal-faccata kienet miksura.

- Fil-prezenza ta’ l-Espert tal-Qorti, s-Sur H Camilleri nfetah il-meter u gew innotati diskrepanza fl-operat tad-diska ta’ l-arlogg tad-dawl.

Illi l-attur innega li huwa kien baghbas il-meter anzi sahansitra nsista li jsir bench test fil-prezenza tieghu u fil-fatt, ghalkemm l-inspection kien sar fit-12 t’April, 2004 il-bench test sar fl-20 t’April, 2004. Mix-xhieda ta’ Anthony Gatt li ghamel il-bench test irrizulta li l-meter kien jahdem perfett.

Ma ngabet l-ebda prova li kien hemm xi tertuqa jew xi forma ta’ tbaghbis fil-meter izda l-hsarat li gew riskontrati, cjoe’ l-mankanza tas-sigill u anki l-hsara fuq it-tieqa ta’ l-arlogg huma kompatibbli ma’ daqqa ta’ bieb kif fil-fatt afferma l-attur.
It-Tribunal isib li l-verzjoni moghtija mill-attur hija verosimili. Ma ngabet l-ebda prova li b’xi mod ixxejjen il-verzjoni ta’ l-istess xhud. Huwa minnu li ex lege l-piz tal-prova tispetta lill-attur (kontrarjament bhalma jigri f’kazijiet ohra) izda f’dan il-kaz it-Tribunal huwa konvint illi fil-fatt fil-kaz odjern ma kienx hemm tbaghbis volontarju da parti ta’ l-attur izda kien sehh incident li gie rrapportat minnufih u kienet il-korporazzjoni konvenuta li damet biex hadet il-passi xierqa biex tirrimedja l-hsarat fil-meter.

Il-korporazzjoni konvenuta ssostni li kien hemm serq ta’ dawl u li f’paragun tar-readings li ttiehdu wara li tbiddel il-meter ma’ dawk riskontrati qabel, kien hemm differenza fl-average consumption izda l-attur ta raguni spjegabbli fis-sens illi in segwitu ghall-incident huwa nstalla pompa tal-gnien u kien isaqqi biha u ghalhekk il-konsum zdid ftit. Del resto, jekk wiehed iqabbel l-average consumption taz-zewg readings ta’ wara l-incident maz-zewg readings ta’ qabel, id-differenza m’hijiex daqshekk kbira.

Illi sabiex l-attur jinghata lura s-servizz tad-dawl, il-korporazzjoni konvenuta nsistiet li huwa jhallas mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250). Huwa evidenti li l-attur hallas

din is-somma kontra l-volonta' tieghu u ma kellux alternattiva ohra hlief li jhallasha u jipprocedi bl-istanza odjerna.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi t-talba attrici hija gustifikata u tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta, jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------